*Art 46(2) Kostituzzjoni u 4(2) Kap 319 Konvenzjoni Ewropea -*

*Rimedji alternattivi effettivi*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Mejju 2016

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 15/2016/LSO**

**Philip Cauchi (Id 101533M, Joseph Cauchi (Id 935345M), Margaret Gatt (Id 312235M), Mary Frendo (Id 55950M), Mary Rose Bugeja (Id 72042M); Oreste Cauchi, Doris Caruana (79744M) f' isimha proprju u bhala prokuratrici tal-assenti Maria armla ta' Filippu Cilia.**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Philip Cauchi et datat 4 ta' Frar 2016 fejn esponew: -

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' art f' Haz-Zebbug li giet dikjarata li hija mehtiega ghal skop pubbliku mill-Gvern ta' Malta permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Marzu 1965; (Dok A).

Illi wara hamsin sena, u minkejja ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 2015 sabiex jinhareg dan l-avviz ghall-ftehim, huma ghadhom sal-lum ma rcevewx "Notice to Treat" sabiex issir offerta lilhom, u peress li l-kuntratt definittiv ghadu ma sarx u lanqas ma thallsu ebda kumpens tat-tehid tal-art taghhom; kif gie konfermat bl-annessa sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2015; (Dok B)

Illi dan id-dewmien l-ewwelnett jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea reza applikabbli f' Malta bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) illi jistabbilixxu li f' proceduri civili ghad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili l-proceduri jridu jinqatghu fi zmien ragjonevoli. Id-dewmien fih innifsu wkoll jikkostitwixxi ksur tal-artikolu (1)

Protokoll I tal-Konvenzjoni Ewropea kif gie stabbilit f' diversi sentenzi kemm tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Barra minn hekk in-nuqqas ta' hrug ta' Avviz ghal Ftehim debitament notifikat lill-esponenti u/jew in-nuqqqas da parti tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet ta' depozitu tal-kumpens stabbilit mill-Gvern bi hrug ta' Dikjarazzjoni gdida taht il-procedura gdida stabbilita *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 88. Qieghed jimpedixxi lill-esponenti milli jadixxu lil xi qorti jew tribunal ghad-determinazzjoni tad-drittijiet taghhom bi ksur tal-fuq imsemmija art 39 tal-Kostituzzjoni u art 6 tal-Konvenzjoni;

Barra minn hekk ukoll, in-nuqqqas ta' hlas ta' kumpens wara hamsin sena ghal art li il-Gvern ha l-possess taghha fl-1965, jikkostitwixxi wkoll ksur tal-artikolu 1 Protokoll I minhabba illi ma sar ebda hlas lis-sidien u l-progett tal-Gvern gie esegwit;

Illi dan l-agir tal-intimat bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem fuq indikati qed jirreka danni materjali minhabba telfien ta' imghaxijiet fuq il-kumpens adegwat li kieku dan thallas fi zmien ragjonevoli;

Ghaldaqtsant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha bis-sahha tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u art 4 tal-Kap 319:

1. Tiddikjara illi il-fatti fuq esposti jammontaw ghal ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, tal-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem da parti tal-intimat;

2. Tiddikjara wkoll illi l-istess fatti u agir tal-intimat jammonta wkoll ghal ksur tal-artikolu 1 tal-Protokoll I ghall-istess Konvenzjoni Ewropea:

3. Konsegewentement:

(i) tordna li l-intimat fi zmien qasir u perentorju johrog l-avviz ghal ftehim lill-intimati dwar l-art in kwestjoni;

(ii) *fin-nuqqas* tordna lill-intimat sabiex, fi zmien qasir u perentorju jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att sabiex tigi trasferita l-art mill-esponenti lill-intimat u dan bil-prezz tal-valur tal-istess art li jigi likwidat minn din il-Qorti jekk hemm bzonn permezz ta' hatra ta' periti teknici u tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att fil-hin u post li jigi indikat minn din il-Qorti u jigu nominati kuraturi deputati ghall-assenti;

4. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti, u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu u tizgura t-twettiq tad-drittijet fuq imsemmija tal-esponenti, inkluz il-hlas ta' danni materjali minhabba telf ta' qligh fuq il-fatt illi ma sarx il-hlas tal-kumpens adegwat fi zmien ragjonevoli, u hlas ta' kumpens cioe` danni mhux pekunjarju ghall-ksur tad-drittijiet fuq indikati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 2015, u bl-imghax ta' 8% fuq kull ammont likwidat minn din il-

Qorti mil-lum sal-effettiv pagament kontra l-intimat li minn issa hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Marzu 2016.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet datata 2 ta' Marzu 2016 a fol 19 tal-process fejn espona bil-qima:

Illi in succint il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li l-mod kif giet esproprjata l-proprjeta` taghhom f'Haz-Zebbug allegatament sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba dewmien irragjonevoli min-naha tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet li ghadu ma harigx l-avviz ghal ftehim u konsegwentement ir-rikorrenti ghadhom ma inghataw l-ebda kumpens ghat-tehid ta' din l-art.

Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

1. Illi *in linea* preliminari wkoll, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tat-titolu li fuqu qed jibbazaw l-azzjoni odjerna.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jeccepixxu li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji li taghtihom il-ligi u allura

ghandu jirrizulta li r-rikors kostituzzjonali huwa **intempestiv**. Il-principji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta' rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Fihom insibu specifikat li l-qorti b'kompetenza kostituzzjonali ghandha tirrifjuta milli tinqeda b'dawn is-setghat specjali moghtija lilha mil-ligi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju taht il-ligi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

F'dan il-kaz ir-rikorrenti matul dawn is-snin kollha kellhom kull opportunita' li jifthu kawza fil-Qorti Civili ghad-danni pero' evidentement ghazlu li ma jaghmlu xejn minn dan.

4. Illi proceduri ta' bixra straordinarja bhalma huma kawzi kostituzzjonali mhumiex mahsuba biex jiehdu post il-proceduri ordinarji li kellhom u setghu jigu prospettati primarjament. Inkella minflok inmorru quddiem il-Bordijiet jew il-Qrati nibdew nipprocedu mill-ewwel quddiem il-Qrati Kostituzzjonali - haga li tmur lil hinn mill-iskop tal-proceduri kostituzzjonali. Ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan *ai termini* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

5. IIIi din l-Onorabbli Qorti fi kwalunkwe kaz ghandha tevita li tigi indotta sabiex tevalwa x'inhu il-kumpens xieraq ghax-xiri ta' din il-proprjeta', peress li din il-funzjoni hija

riservata lill-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet li hu mwaqqaf bil-ligi appozitament ghal dan il-ghan. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Novembru 2011 fil-kaz **Peter Azzopardi noe vs Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali,** fejn qalet: *"Il-Bord hu esklussivament kompetenti, skont il-ligi, li jistabbilixxi l-kumpens dovut u jezistu artikoli fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw kif ghandu jigi kkalkulat dan il-kumpens, u mid-decizjoni tal-Bord hemm dritt ta' appell. Lanjanzi dwar il-kumpens, anke ta' natura kostituzzjonali, ghandhom se mai jigu ventilati quddiem il-Qorti kompetenti wara li jkun hemm decizjoni tal-Bord dwar il-kumpens."*

*6.* IIIi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq il-mertu, r-rikorrenti qed jilmentaw minn dewmien irragjonevoli bi ksur tal-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi skont il-gurisprudenza assodata kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Huwa accettat ukoll li ma hemm l-ebda 'time limit' li jrid jigi osservat fil-kors tal-proceduri quddiem qorti ghax inkella l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta. Illi hija gurisprudenza kostanti li l-irragonevolezza taz-zmien m'ghandhiex tigi determinata fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet kawza ghaddejja imma ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun (ara **X v.**

**Belgium** deciza mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Marzu 1962).

Illi fil-kaz odjern il-lanjanza tirreferi ghal dewmien *se mai* amministrattiv li ma jistax jinghad li b'xi mod jista' jigi nkwadrat bhala dewmien quddiem Tribunal jew Qorti. Fil-fatt sal-lum il-gurnata ghad m'hemmx proceduri civili quddien Qorti jew Tribunal u lanqas ma jista' jitqies li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet huwa Qorti jew Tribunal li jrid jiddeciedi d-drittijiet civili tar-rikorrenti u allura l-artikoli invokati mir-rikorrenti m'humiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

7. Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti ta' nuqqas ta' access ghall-Qorti fit-termini tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jigi rilevat illi bhala principju d-dritt ghal access ghall-Qrati m'huwiex dritt assolut u dan id-dritt huwa wiehed li jista' jigi assoggettat ghal certi modalitajiet u limitazzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun oggettivament gustifikabbli.

8. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

9. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 3 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Joseph Zammit Maempel ghar-rikorrent u Dr Maurizio Cordina u Dr Francesca Zarb ghall-Kummissarju tal-Artijiet. Dr Zammit Maempel talab li fil-lista tar-rikorrenti qabel l-isem Doris Caruana jidhol l-isem "Oreste Cauchi" u wara l-kliem tal-assenti u qabel il-kliem Filippu Cilia jidhlu l-kliem "Maria armla ta’". Id-difensuri tal-kontro-parti ma opponewx ghat-talba. Il-Qorti laqghet t-talba u ordnat il-korrezzjoni kull fejn hu mehtieg. L-intimati ghaddew ruhhom b'notifikati bir-rikors promotur kif korrett. Il-Qorti dehrilha li ghandha tisma' lid-difensuri tal-partijiet fuq it-tieni eccezzjoni. Dr Cordina talab li jipprezenta nota bil-miktub, il-Qorti laqghet t-talba u awtorizzatu jipprezenta n-nota fi zmien xahar minn dan id-digriet, filwaqt li r-rikorrenti jkollhom xahar min-notifika ghan-nota responsiva, u halliet ir-rikors sabiex il-Qorti tipprovdi fuq l-istess ghas-17 ta’ Mejju 2016 fid-9:30a.m.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata 30 ta’ Marzu 2016.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut datata 28 ta’ April 2016.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija sentenza *in parte* fuq it-tieni eccezzjoni tal-intimat fejn qed jitlob li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita' s-setghat taghha fit-termini tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni u rimedju opportun ghal-lezjoni allegata tad-drittijiet taghhom skont l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u tal-**artikolu 6,** u tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali** minnhabba dewmien irragjonevoli da parti tal-intimat fil-process ta' esproprju ta' proprjeta' tal-istess rikorrenti u ta' hlas ta' kumpens xieraq.

**Dritt**

Il-principji li jiggwidaw il-Qrati taghna fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni vestita b'dan il-proviso mhumiex kontroversjali. Dawn gew traccjati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet "***Ryan Briffa v Avukat Generali"*** deciza fl-14 ta' Marzu 2014) fejn gew enuncjati s-segwenti linji gwida:

*" 1. L-eżistenza tar-rimedju l-ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;*

*2. Ir-rimedju jrid ikun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*

*3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li rrimedju se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit,*

*imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi;*

*4. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naha waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji oħrajn effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna ma tkunx imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;*

*5. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent;*

*6. Iżda meta jidher ċar li jeżistu meżż ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali.* [1]"

Din il-Qorti, kif attwalment presjeduta, inoltre, esprimiet il-fehma taghha li *"minn ezami akkurat tal-proviso premess ma jirrizultax li l-legislatur ried li jistabbilixxi bhala principju*

[1] Ara fost ohrajn sentenzi tal-On.Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet "***Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"*** 7/3/1994; tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet "***Olena Tretyak v.Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***";" ***Vincent Spiteri v. Onor Prim Ministru et***," 31/8/1977; "***Mouwafak Toutoungi et. v Kummissarju tal-Pulizija et."***25/11/2011; u " ***Stacey Spiteri et. v Direttur tar-Reġistru Pubbliku***" 27/4/2012, u sentenzi oħra hemm ċitati.

*assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha dejjem u tassativament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli skont il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jkunu effettivi u accessibbli."* (**Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs l-Onorevoli Prim'Ministru et -** dec. fil-5 ta' Gunju 2014).

Dan gie wkoll ribadit fil-gurisprudenza nostrana, f'diversi kazijiet, fejn gie sostnut : "*Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser, ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat".* (Ara **"Olena Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate affairs"**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April 2007[2]).

Ukoll fil-kawza **"Lawrence Cuschieri vs l-Onor. Prim Ministru"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' April 1995, intqal hekk:

*"Hu veru wkoll li din il-fakolta` hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kappriccuz jew legger."*[3]

[2] Ara wkoll **Mary Green et vs Avukat Generali et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April 2007; u **Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et** Koll. Vol. LXXV.i.106 deciza mill-Qorti Kost. fil-5 ta' April 1991.
[3] Ara wkoll **Residual Ltd. vs Kummissarju tal-Artijiet**, P.A. Sede Kostituzzjonali deciza fid-19 ta' Ottubru 2011

Illi kazijiet simili gew ikkonsidrati mill-Qrati taghna u mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'kaz li jikkoncerna l-likwidazzjoni ta' kumpens dovut lis-sidien ghall-esproprjazzjoni tal-art taghhom, **Deguara Caruana Gatto vs Malta** (Applic.14796/11 deciza 9 Lulju 2013), gie ritenut:

*"Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropriation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty (see* ***Akkus vs Turkey****, 9 July 1997 para.29/) The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to which they are entitled. (see* ***Aka vs Turkey****, 23 September 1988 para. 49)."*

Illi fil-kaz **Azzopardi vs Malta** (applic. 28177/12, deciza fis-6 ta' Novembru 2014) li Qorti Ewropea fissret li :

*"As established by the domestic courts, there was no valid reason justifying the delay in paying compensation for the expropriation. The Court notes that in 2014, forty years after the taking of the land, the applicant has still not received compensation in respect of the property. It follows that the applicant has been made to bear a disproportionate burden."*

Illi l-Qorti Kostituzzonjali taghna wkoll irriteniet li huwa obbligu tal-Istat u kwindi tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet li, wara li jkun esproprja art privata, jghaddi ghall-hlas ta' kumpens minghajr dewmien.

Hekk instab fil-kaz "**John Caruana vs Kummissarju tal-Artijiet**", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn kien hemm eccezzjoni identika ghal dik tal-kaz in ezami. Il-Qorti fissret hekk :-

*"Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tosserva li ftit li xejn kien ser ikun effettiv ir-rimedju quddiem il-qrati ordinarji…….l-intimat jissottometti li l-Kap 88 ma jimponi ebda terminu fuq l-awtorita` pubblika sabiex jipprocedi ghax-xiri tal-art li jkun esproprja bid-Dikjarazzjoni presidenzjali. ….Dan xorta ma jnehhi xejn mill-obbligu tal-awtorita` pubblika li wara li din tkun hadet pussess tal-art, tipprocedi fi zmien ragonevoli ghall-hlas tal-kumpens."*

Illi saret referenza wkoll ghall-kaz **"Peter Azzopardi vs Kummissarju tal-Artijiet**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Novembru 2011 (li sussegwentement giet riferuta lill-Qorti Ewropea kif fuq iccitat).

"*Din il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ippronuncjat ruhha dwar id-dewmien, fejn gie rilevat li minn meta l-art giet esproprjata u sa ma' l-Kummissarju tal-Artijiet ipproceda quddiem il-Bord ghaddew tletin sena. Ghalhekk, gie ritenut:*

*"……...u dan meta certament kien jinkombi fuq l-intimat Kummissarju tal-Artijiet li darba li ttiehdet bicca art forzatament kellu diligentement u minghajr tnikkir jiehu dawk il-proceduri necessarji sabiex jassigura li r-rikorrent jigi kumpensat ghall-art li gie forzatament privat minnha."*

Il-Qorti tal-Appell kompliet :

*"….ma jkunx gust li l-awtorita` pubblika tigi ppremjata ghall-inefficjenza u ibernazzjoni taghha billi din il-Qorti tiddeklina mill-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, u anzi jsir impellanti li din il-Qorti tasserixxi dik il-gurisdizzjoni sabiex issir gustizzja mal-persuna private mill-proprjeta` taghha ghal zmien tant twil minghajr kumpens."*[4]

"Inoltre`, kif gie ribadit fil-kaz recenti ta' **Vassallo vs Malta** (Appl. 57862 deciza fil-11 ta' Ottubru 2011):

*"….owners could not be expected to incur the expense and burden of instituting proceedings to ensure the authorities' fulfillment of their legal obligation (see mutatis mutandis,* ***Apostol vs Georgia****, no. 40765/02, 64,65, ECHR 2006-XI, in relation to enforcement proceedings). Moreover, the mere fact the Government would have been forced by means of a court decision to initiate proceedings, would not guarantee that those proceedings would thereafter be pursued with due diligence."*

---

[4] Ara wkoll Qorti Kost**. Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet**, deciza fil-25 ta' April 2008; Qorti Kost. **Av. Dr. David Tonna pro et noe et vs Kummissarju tal-Artijiet** deciza fit-3 ta' Marzu 2011.

Similment fil-kaz **Curmi vs Malta** (Appl. 2243/10 deciza fit-22 ta' Novembru 2011, intqal hekk mill-Qorti Ewropea:

*"In so far as the Government argued that the delay in paying compensation was due to the owners, the Court notes that, according to the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, it was up to the authorities to initiate the relevant compensation proceedings (see also **Bezzina Wettinger and Others vs Malta**, no. 15091/06, para. 92, 8April 2008)…………the Court considers that in such cases, owners could not be expected to incur the expense and burden of instituting proceedings to ensure the authorities` fulfillment of their legal obligation."*

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dawn il-principji.

Applikati dawn il-principji jrid jigi evalwat u ezaminat jekk dak li qed jitolbu r-rikorrenti jistax jinkwadra ruhu totalment fil-kompetenza normali tal-Qrati jew jekk hux il-kaz, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, li l-Prim' Awla fis-Sede Kostituzzjonali tisma' l-kaz.

Ikkonsidrat li fil-kaz odjern, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet issottometta li r-rikorrenti kellhom ir-rimedju li jipprocedu b'azzjoni gudizzjarja *a tenur* **tal-artikolu 1078(b) tal-Kap 16** li jaghti dritt ta' azzjoni biex jigi stabbilit mill-Qorti iz-zmien li fih ghandha tigi esegwita l-obbligazzjoni u joffri kumpens adegwat.[5] Permezz ta' dan l-argument, gie

---

[5] **Artikolu 1078**: *"Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*
……..

sottomess, li fin-nuqqas da parti tar-rikorrenti li jinvokaw rimedji ordinarji, ma jistghux sussegwentement jilmentaw li d-drittijiet fondamentali taghhom gew lezi.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed jilmentaw minn dewmien minnhabba li sofrew esproprjazzjoni fis-sena 1965, u minnkejja ittra ufficjali fil-15 ta' Lulju 2015 sabiex jinhareg l-avviz ghal ftehim, sal-lum ghadhom ma rcevewx in *Notice to Treat* sabiex issirilhom offerta u lanqas sar il-kuntratt definittiv ta' xiri. Jirrizulta mill-atti esebiti li l-art mertu tal-vertenza odjerna giet esproprjata fit-23 ta' Marzu 1965, hekk kif jidher f' **Dok A** esebit a fol 5. Illi ghalkemm il-Kummissarju tal-Artijiet beda proceduri fis-sena 2005 quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet ma nnotifikax lis-sidien jew lill-kuraturi nominati skont il-Ligi u r-rikors tieghu gie dikjarat null u bla effett. (Ara sentenza Qorti tal-Appell "**Kummissarju tal-Artijiet v Carmelo Cilia et"** -deciza fis-27 ta' Frar 2015 - Dok B).

Illi fic-cirkostanzi tqis li r-rimedju propost mill-intimat mhuwiex wiehed effettiv li jimmerita li tiddeklina milli tkompli din l-azzjoni. Bl-azzjoni suggerita mhuwiex ser jigi rimedjat d-dewmien gja soffert. Inoltre lanqas hu gust fil-konfront tar-rikorrenti li jigu imgeghla jidhlu fi spejjez u dewmien ulterjuri bla bzonn marbutin ma proceduri *ai termini* tal-**artikolu 1078(b) tal-Kap 16.** meta l-intimat huwa gja obbligat bil-Ligi, u mill-oghla awtoritajiet gudizzjarji, li jagixxi tempestivament .

---

*(b) jekk l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett tagħha xi ħaġ' oħra li ma tkunx somma flus, iż-żmien li fih għandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni jiġi stabbilit mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi."*

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-intimat qed tigi respinta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat, tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**L-ispejjez jigu determinati fis-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**17 ta' Mejju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Mejju 2016**